26 ta' Settembru, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Ġużepp Cassar *versus* Pawlu Cassar

**Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Pussess — Sentenza — Smiegħ u Traskrizzjoni tax-Xhieda — Nullità — Art. 254, 605, 616, 621, 241, 208 u 800 tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-Qorti Inferjuri tirritjeni li l-pussess jagħti dritt lill-attur li jieħu lura l-ħaġa mitluba, tiddeċidi dwar kwistjoni ta' dritt u tirrendi appellabili s-sentenza indipendentement mill-valur.*

*Id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar kif għandha tittieħed u tiġi annotata d-depożizzjoni tax-xhieda huma applikabili tant għall-Qrati Superjuri kemm għall-Qrati Inferjuri.*

*Sentenza mogħtija f'kawża fejn ma saretx traskrizzjoni tad-depożizzjonijiet li taw ix-xhieda f'dik il-kawża hija nulla; u f'dan il-każ lanqas huwa applikabili l-art. 800 tal-Proċedura Ċivili, li jgħid illi, barra minn ċerti każi, dik in-nullità ma tistax tiġi sollevata fl-appell jekk is-sentenza tkun sostanzjalment ġusta.*

*Fil-każ preżenti, sentenza hekk mogħtija ġiet annullata, u l-proċess ġie rinvijat quddiem l-Ewwel Qorti biex jiġi istruwit u deċiż skond il-liġi.*

L-Qorti. — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex jagħti lura lill-attur, fi żmien li għandu jiġi prefiss, iż-żewġ għudiet tal-karrettun tat-tagħbija li huwa kien silfu tliet snin ilu, u li jħallas il-valur tagħhom f'każ ta' nuqqas ta' konsenja, f'ammont li ma għandux jeċċedi ħames liri; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-2 ta' Awissu 1945, fejn iddeċidiet billi kkundannat lill-konvenut jagħti lura l-injamiet fi żmien tmint ijiem, u fin-nuqqas iħallas £1, salva kwalunkwe kwistjoni dwar il-proprjetà, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-attur, li jippretendi l-proprjetà, kellu fil-pussess tiegħu żewġ injamiet tal-karrettun li silef lil Pawla Chircop oħtu, u li minn għandha ħadhom il-konve-

nut li jippretendi li dawk l-injamiet huma komuni bejn l-aħwa Cassar; illi l-pussess żgur kien għand l-attur, u l-konvenut hadhom minn għand Pawla Chircop li kienu mislufin għandha, u għalhekk għandu jagħtihom lura;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u jiġu respinti t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi skond il-liġi meta l-valur huwa taħt £5, kif inhu l-każ, is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tista' tkun appellata meta jkun hemm pont ta' dritt li ġie deċiż fis-sentenza appellata. Fil-każ in ispeċje l-Ewwel Qorti ħalliet da parti u impreġudikata l-kwistjoni tal-proprjetà, li għandha tiġi ventilata u deċiża f'kawża separata, iżda rraġunat fuq il-pussess u rriteniet illi peress li rriżulta mingħajr dubju li dak il-pussess, sija pure materjali, kien f'idejn l-attur, anki meta silef l-injamiet lill-oħtu Pawla Chircop, u baqa' għandu meta għamel dak is-self, l-attur għandu d-dritt jitlob li jerġa' jieħu l-pussess ta' dawk l-injamiet. Għalkemm din id-deċiżjoni vvertat semplicement fuq il-pussess, iżda ma jistax jiġi negat, speċjalment għall-fini tad-dispożizzjoni ta' l-art. 254 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, illi din ma kienetx kwistjoni ta' dritt, għaliex huwa indubitat illi ladarba l-Qorti irriteniet illi l-pussess jagħti dritt lill-attur li jieħu lura l-oġġett mitlub, iddefiniet dritt ta' l-attur skond il-liġi, sija pure bażat fuq il-pussess, u impreġudikata baqgħet il-kwistjoni tal-proprjetà;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, u d-dritt tar-reġistru relativ kontra l-attur;

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza;

Illi l-art. 605 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili jagħti l-mod kif għandha tittieħed id-dispożizzjoni ta' xhud, u ċjoè illi s-sostanza tar-risposti tax-xhieda għandha tiġi notata bil-Malti, barra mill-każijiet fejn ix-xhieda tkun meħuda bl-

Ingliż, u tkun notata letteralment kwalunkwe risposta li jista' jkollha importanza diretta fil-kawża. Dan l-artikolu huwa applikabili tant għall-Qrati Superjuri kemm ukoll għall-qrati ta' kompetenza inferjuri; infatti diversi huma l-artikoli sparsi fil-Liġi kollha tal-Proċedura Ċivili fejn il-leġislatur, meta ried jeċċettwa minn dispożizzjoni l-Qrati Inferjuri, qal espressament u għamel dik l-eċċezzjoni espressa. F'dana l-każ għall-kuntrarju ma hemm ebda aċċenn, u raġjonevolment ma jistax ikun hemm, għaliex ladarba l-artikolu huwa ċar biżżejjed, u hemm dettaljat kif għandu jsir dak in-notament, il-leġislatur ma kienx sejjer, f'materja ta' importanza hekk kbira għall-proċediment ġudizzjarju, jeċċettwa l-proċedura li ssir quddiem Qorti Inferjuri. Għandu jiżdied ukoll illi ladarba għal ċerti każijiet speċifikati fil-liġi l-parti għandha dritt ta' l-appell, ċertament il-Qorti Superjuri f'kawża ċivili għandha ssib dak in-notament biex tkun tista' tapprezza u teżamina d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tkun ġiet appellata; mentri meta ma jkun hemm ebda notament, din il-Qorti ma tarax li għandha u jista' jkollha quddiemha appell, iżda kawża ġdida, fejn ix-xhieda kollha li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jixhdu mill-ġdid, kontra l-espress dispost ta' l-art. 605 fuq imsemmi, u fejn, kif huwa faċili li jista' jinħaseb, ikunu fil-libertà kollha (għalkemm abużivament) li jvarjaw id-depożizzjoni tagħhom, speċjalment jekk ikunu l-partijiet jew xi xhieda interessati, skond ir-riżultanzi tal-proċess fl-ewwel istanza, u skond id-deċiżjoni li ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti. Dana ċertament ikun kontra l-fini ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Tikkunsidra;

Illi jidher anki illi dak in-notament tad-dispożizzjoni huwa meħtieġ, skond l-artikolu fuq imsemmi, mill-fatt illi l-art. 616 ta' l-istess liġi jikkontempla l-każ ta' eżami ta' xhud li jkun sejjer isiefer, jew ikun marid jew avanzat talment fl-età, li jkun hemm periklu li x-xhieda tiegħu ma tkunx tista' tinstema' fil-ġurnata tat-trattazzjoni tal-kawża, u allura jordna l-provvediment ta' l-imħallef jew il-maġistrat supplent; iżda f'dak il-każ jordna illi l-interrogazzjonijiet li jiġu magħ-

muia lix-xhud u r-risposti li huwa jaghti ghandhom ikunu notati u traskritti. Hawn naraw differenza minn dak li jghid l-art. 605 fejn hemm li "s-sostanza tar-risposti" tax-xhud biss ghandhom ikunu notati. Issa l-art. 621 ta' l-istess liġi jikkontempla l-każ illi d-depożizzjoni tax-xhud imsemmi fl-art. 616 *tista' anki tittiehed mill-Qorti tal-Maġistrati tal-*Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, u allura ċertament ghandha tiġi osservata l-proċedura preskritta f'dan l-ahhar artikolu, ghaliex ma hemm ebda *eċċezzjoni* fih. U jekk huwa veru dan, "multo magis" ghandha din il-Qorti tinnota s-sostanza tax-xhieda li tkun semghet f'seduta ordinarja taghha;

Tikkunsidra;

*Illi dan* l-*argument jirċievi iżjed valur meta jiġi* kunsidrat illi dik id-dispożizzjoni ta' l-art. 605 tapplika ruhha anki ghal din il-Qorti, ghalkemm normalment mis-sentenzi ta' din il-Qorti ma jkunx *hemm appell*; u huwa applikabili anki ghall-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Ghawdex, anki fil-kompetenza taghha inferjuri fit-tieni istanza; tant huwa hekk illi l-art. 621 ta' l-istess liġi jikkontempla meta d-depożizzjoni tiġi ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati li tkun presjeduta minn tliet maġistrati, u allura jkun jista' jehodha wiehed mill-maġistrati biss, purkè josserva l-proċedura *hemm stabbilita*;

Tikkunsidra;

Illi l-liġi, fl-art. 605, l-ahhar paragrafu, kienet tikkontempla l-każ illi "non ostanti l-inserżjoni tan-notament tax-xhieda fuq imsemmi, kull parti tkun tista' tipproduċi x-xhud quddiem din il-Qorti, u tkun tista' anki din il-Qorti "ex officio" tordna dik ir-riproduzzjoni; skond emendi reċenti li kienu saru *fil-liġi dak il-paragrafu* ġie kanċellat, u ghalhekk "stricto jure" l-partijiet ma jistghux jirriproduċu xhieda quddiem din il-Qorti, salv dak li hemm fl-art. 233 ta' l-istess liġi. Dan vwoldiri illi l-leġislatur ikkonferma l-hsieb tieghu li jidher evidenti f'dan l-art. 605, illi s-sostanza tax-xhieda ghandha tiġi notata anki quddiem Qorti ta' Kompetenza Inferjuri, ghaliex kieku kien diversament, f'dik l-emenda kien ċertament *jeċċettwa* din il-Qorti f'appelli mill-Qorti Inferjuri;

Tikkunsidra;

Illi huwa veru li l-art. 241 ta' l-istess ligi jghid illi l-Qrati msemmija fl-art. 239, fosthom il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, jipproċedu sommarjament u bl-akbar speditezza li tkun konsistenti ma' l-eżatta amministrazzjoni tal-ġustizzja u jikkonformaw ruhhom mad-dispożizzjonijiet kontenuti f'dak it-Titolu kemm-il darba jistghu jkunu applikati; iżda dik id-dispożizzjoni ma tistax tigi applikata f'dan il-każ (1) ghaliex mentri l-leġislatur iżenta lil dawk il-Qrati li jikkonformaw ruhhom mad-dispożizzjonijiet ta' dak it-Titolu meta l-ispeditezza tkun trid diversament, iżda ma ghamelx l-istess dispożizzjoni ta' l-eżenzjoni, haġa li kienet tkun mehtieġa, meta ddetta d-dispożizzjoni ta' l-art. 605; (2) ghaliex anki dik id-dispożizzjoni taghmel l-eżenzjoni kompatibilment ma' l-eżatta amministrazzjoni tal-ġustizzja; iżda f'materja ta' smiegh ta' xhieda jkun kontra dik ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja illi n-notament ma jsirx, speċjalment meta kawża tista' tigi quddiem Qorti tat-Tieni Istanza, ghaliex allura l-ġudikant ma jkollux l-elementi neċessarji biex jara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ghandhiex tigi konfermata jew riformata jew revokata; u biex jaghmel hekk ikun irid jaghmel il-proċess mill-ġdid li, oltre dan huwa kontra n-natura ta' l-appell, li huwa reviżjoni ta' dak li sar fl-Ewwel Qorti, jista' jġib inkonvenjenti serji hafna meta l-partijiet jew ix-xhieda jbiddlu dak li jkunu qalu quddiem l-Ewwel Qorti biex forsi, almenu min ikun interessat u ma jkunx qieghed jixhed sewwa, jirribattu dawk ir-raġunamenti ta' l-Ewwel Qorti per mezz ta' fatti forsi anki inventati ghall-okkażjoni; u dan ċertament ma jkunx konsistenti mar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Tikkunsidra;

Illi lanqas ma jista' jigi applikat il-para. 4 ta' l-art. 233 ta' l-istess ligi, ghaliex id-dispożizzjoni giet introdotta ghal dawk il-każijiet eċċezzjonali illi din il-Qorti tara li hemm bżonn il-produzzjoni ta' xhud ghar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, u dan il-ġudizzju tkun preċiżament haditu mill-proċess u mill-provi prodotti "in acta" u mill-osservazzjoni-

jiet tad-difensuri tal-partijiet fuq dawk il-provi, iżda ma tkunx tista' tifforma dak il-ġudizzju għan-neċessità jew utilità ta' xhud meta fil-proċess ma hemmx provi u għalhekk *ma tistax tippronunzja ruħha fuq in-neċessità jew utilità*;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat bir-rikors tiegħu tat-12 ta' Settembru 1945, talab li jipproduċi xhieda biex jipprova li hija prattika fil-Qorti tal-Maġistrati illi l-partijiet jeżentaw lill-Qorti mill-obligu fuq imsemmi li żżomm notamenti "in sostanza" tad-depożizzjonijiet tax-xhieda, meta l-partijiet jiftehmu qabel li jillimitaw il-kwistjoni għall-ġudizzju ta' l-Ewwel Qorti biss u għalhekk it-tnejn jirrinunzjaw għall-istadju ta' l-appell. L-appellant per mezz tar-risposta tiegħu tat-18 ta' Settembru 1945, oppona ruħu għall-produzzjoni ta' dawk ix-xhieda, għar-raġunijiet hemm żvolti f'dik ir-risposta;

Qabel xejn, kif tajjeb issottometta l-appellat, rinunzja bħal din għal dritt ta' l-appell għandha ċertament tirriżulta bil-miktub; u peress illi qiegħda diretta biex teżenta l-Qorti minn obligu li timponilha l-liġi, dik l-eżenzjoni, anki jekk kienet valida, għandha tirriżulta mill-proċess verbali tal-Qorti stess, li hija l-unika prova awtentika biex tkun tista' tiġi pruvata ħaġa simili, li hija ta' importanza hekk kbira fil-proċediment ġudizzjarju. Fil-proċess ma jeżistix dak il-verbal, u lanqas il-Qorti fis-sentenza ma għamlet ebda rife-renza għalih jew għal ftehim simili;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk ma hemmx bżonn illi l-Qorti teżamina jekk dak il-patt iż ftehim preventiv għal rinunzja għad-dritt ta' l-appell da parti tal-partijiet huwiex validu jew le, peress illi ma jirriżultax mill-atti u ma jistax jiġi pruvat per mezz ta' xhieda, apparti r-raġunijiet kollha li ġieb l-appellat kontra l-validità ta' dak il-ftehim;

Tikkunsidra;

Illi lanqas din il-Qorti fil-każ ma tista' tapplika, kif għamlet f'każijiet oħra, id-disposizzjoni ta' l-art. 800 ta' l-istess liġi, li tgħid illi l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija inattendibili (barra mill-każijiet ta'

difett ta' ġurisdizzjoni jew ta' ċitazzjoni, jew ta' l-illeġittimità tal-persuna) meta dina l-*Qorti tirritjeni* illi dik is-sentenza hija sostanzjalment ġusta, għaliex allura s-sostanza tal-ġustizzja ta' dik is-sentenza għandha wisq raġjonevolment tipprevali għall-forma; u l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ma tistax tiġi magħmula għaliex il-Qorti fil-proċess "in acta" ma għandhiex il-materjal biex tista' tara u tiġġudika jekk is-sentenza hijiex jew le sostanzjalment ġusta, peress illi jonqos in-notament tas-sostanza tad-depożizzjonijiet minn fejn jista' raġjonevolment isir dak il-ġudizzju, u ma tistax tirrimedja in vista ta' l-aħħar paragrafu ta' l-art. 605 ta' l-istess liġi;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk l-Ewwel Qorti, meta ġiet biex tagħti s-sentenza f'din il-kawża, għalkemm semgħet il-partijiet u x-xhieda, iżda peress fl-atti ma hemm ebda notament tas-sostanza ta' dak li qalu, ma bbażatx ruħha fuq provi legali kif tridhom il-liġi; u peress li kien hemm f'dak il-pont difett sostanzjali kontra d-dispost ta' l-art. 605 fuq imsemmi, il-proċediment huwa nuli fl-awdizzjoni ta' dawk ix-xhieda, u l-artikolu 113 ta' l-istess liġi, in applikazzjoni ta' prinċipju notorju fid-dritt, igħid illi l-atti ġudizzjarji li ġew magħmula in forza jew in konsegwenza ta' att null, huma anki nulli; għalhekk dik in-nullità ġiebet anki n-nullità ta' l-atti konsegwenzjali, u fosthom tas-sentenza li għandha tiġi bażata fuq provi legali;

Għal dawn ir-raġunijiet:

1. Tirrespinġi t-talba ta' l-appellat għas-smiegħ tax-xhieda offerti minnu bir-rikors preżentat fit-12 ta' Settembru 1945, bl-ispejjeż relativi kontra l-istess appellat;

2. Tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u għalhekk tiddikjara nulla dik is-sentenza għar-raġunijiet fuq miġjuba, u tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti biex jiġi trattat u deċiż skond il-liġi. L-ispejjeż relativi, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-partijiet.